FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDE CIVILI

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 4 TA' MEJJU 2001

Avviz Nru 1494/98DM

Green Skip Services Limited

vs

Tony Sant

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' mitejn tlieta u hamsin Liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm253.44) bhala bilanc minn somma akbar rappresentanti prezz ta' skip services, provduti lil-konvenut mis- socjeta attrici fuq inkarigu tieghu.

Bl- ispejjez , inkluzi dawk tal-ittra legali datata 13 ta' Novembru 1997 u tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment, u bl-imghax dekorribbli skond il-Ligi sal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Tony Sant fejn eccepixxa:

1. Illi l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici stante li l-hanut in kwistjoni qatt ma kien jappartjeni lill-istess konvenut imma lis-socjeta Stivala Holdings Limited.

2 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Semghet ix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri;

Rat id-dokumenti esebiti

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Illi fid-deposizzjoni tieghu tad-29 ta April 1999 il-konvenut mhux biss jammetti illi kien hu li ordna is-servizz ta 'skip' minn ghand l-atturi u li kien iffirma il-kuntratt (Dok GS1 a Fol. 9), izda anke jaccetta bhala korrett u dovut il-bilanc ta LM253.44 , kif mitlub mill-atturi.

Il-kontestazzjoni tieghu ghat-talba tal-atturi ghall-hlas hija bbazat esklussivament fuq il-ftehim li kellhu mas-sid tal-"Local Pub" dwar il-gestjoni tal-istess hanut u s-sehem tieghu mill-qligh.

Izda dan kollhu m'ghandhu ebda rilevanza ghall-kaz odjern billi huwa 'res inter alios acta' ghall-atturi u kull xorta ta ftehim tal-konvenut ma terzi ma jistghax ikollu effett fuq ir-relazzjonijiet tieghu mal-atturi meta ikkuntratta s-servizzi tal-atturi f'ismu personalment u personalment intrabat li jhallas ghal dan is-servizz.

Ghaldaqstant tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi is-somma mitluba ta LM253.44 ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghax legali mill-1 ta Awissu 1997 u b'riserva ta kull azzjoni spettanti lil-konvenut fil-konfront ta terzi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

……………………..
Magt. Dr. D. Montebello B.A.LLD

A. Farrugia
DepReg
CIV16